

Brussell, 17 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14184/25

STATIS 76
SOC 674
EMPL 441
ECOFIN 1365
DELECT 157
SAN 641
EDUC 388

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 6574 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'6.10.2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali għall-perjodu 2029-2036

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 6574 final.

Mehmuż: C(2025) 6574 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.10.2025
C(2025) 6574 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 6.10.2025

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali għall-perjodu 2029-2036**

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata mal-persuni u mal-unitajiet domestiċi, abbażi ta' data f'livell individwali miġbura minn kampjuni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistabbilixxi jew tadatta sistema ta' ppjanar kontinwu pluriennali. L-ippjanar kontinwu pluriennali irid:

- (a) jiġi adottat għal perjodu ta' tmien snin;
- (b) ikun japplika għall-ġbir tad-data kopert mir-Regolament;
- (c) jikkonforma mal-perjodiċità speċifikata fl-Anness IV tar-Regolament;
- (d) jispeċifika l-perjodu li matulu trid tinġabar id-data għal:
- (i) is-suġġetti dettaljati marbuta mad-dominji elenkati fl-Anness I tar-Regolament;
- (ii) suġġetti *ad hoc* mitluba mill-utenti, għad-dominju tal-forza tax-xogħol u għad-dominju tal-introjt u l-kundizzjonijiet tal-ġajxien, kif previst fl-Anness IV tar-Regolament.

Għalhekk, dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali għal perjodu ta' tmien snin li jibda fl-2029.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni wettqet il-konsultazzjonijiet xierqa waqt it-tnejn ta' dan l-att delegat. Ikkonsultat lill-esperti nazzjonali li ġew mistiedna għal laqgħat tal-esperti biex jiddiskutu l-abbozz tal-att delegat. Saru konsultazzjonijiet fi ħdan il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni: id-Diretturi Ewropej tal-Istatistika Soċjali u fi ħdan il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni: l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Il-Kummissjoni żammet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati kif xieraq dwar il-konsultazzjonijiet.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat li jistabbilixxi sistema ta' ppjanar kontinwu pluriennali għandu l-oġġettiv li jispeċifika l-frekwenza li biha tinġabar id-data għas-suġġetti dettaljati marbuta mad-dominji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1700 u s-suġġetti *ad hoc* mitluba mill-utenti, għad-dominju tal-forza tax-xogħol u għad-dominju tal-introjt u l-kundizzjonijiet tal-ġajxien, kif previst fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1700. Dan l-att jistabbilixxi l-perjodiċità xierqa tal-ġbir tad-data, minn naħa billi jistabbilixxi perjodu tal-ġbir tad-data għal daww id-dominji li jkollhom perjodiċità waħda tad-data, u min-naħa l-oħra billi jistabbilixxi perjodu tal-ġbir tad-data għal daww id-dominji li jkollhom diversi frekwenzi tal-ġbir tad-data u billi jiġbor flimkien is-suġġetti dettaljati skont il-perjodiċità tagħhom.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.10.2025

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali għall-perjodu 2029-2036**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Sistema ta' ppjanar kontinwu pluriennali trid tiġi adottata għal perjodu ta' tmien snin biex tirregola l-ġbir tad-data kopert mill-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1700 u, b'mod partikolari, biex tkun konformi mal-perjodiċità speċifikata f'dak l-Anness u tispeċifika l-perjodu li matulu trid tinġabar id-data.
- (2) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li dan l-att ikun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità u ma jkunx jimponi piż jew kost sinifikanti fuq l-Istati Membri jew ir-rispondenti.
- (3) Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa ma' esperti nazzjonali waqt it-tnejn ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-ippjanar kontinwu pluriennali għall-ġbir tad-data skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 għall-perjodu 2029-2036.

Artikolu 2

Perjodi tal-ġbir tad-data għad-dominji u għas-suġġetti dettaljati assoċjati

¹ ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

1. Għad-dominji b'perjodiċità waħda biss, kif elenkat fil-punti 3 sa 7 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1700, il-perjodu tal-ġbir tad-data għandu jkun kif stabbilit fil-parti A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.
2. Għad-dominji b'diversi perjodiċitajiet, kif elenkat fil-punti 1 u 2 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1700, il-perjodu tal-ġbir tad-data għandu jkun kif stabbilit fil-parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, is-suġġetti dettaljati marbutin ma' dawn id-dominji għandhom jiġu raggruppati kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Perjodi tal-ġbir tad-data għas-suġġetti *ad hoc* mitluba mill-utenti

Il-perjodu tal-ġbir tad-data għas-suġġetti *ad hoc* mitluba mill-utenti għandu jkun kif stabbilit fil-parti B tal-Anness I.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, 6.10.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN